



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 10 ta' Novembru 2009
(OR. en)**

15053/09

**COSDP 991
PESC 1409
BIH 32
COWEB 236**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL** dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Dominikana dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika Dominikana fl-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Herzegovina (Operazzjoni ALTHEA)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2009/..../PESK
ta'

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Dominikana
dwar il-parteeċipazzjoni tar-Repubblika Dominikana
fl-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea
fil-Bosnja u Herzegovina
(Operazzjoni ALTHEA)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Presidenza,

Billi:

- (1) Fit-12 ta' Lulju 2004, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2004/570/PESK dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Herzegovina¹ (Operazzjoni ALTHEA).
- (2) L-Artikolu 11(3) ta' dik l-Azzjoni Konġunta jipprevedi li arranġamenti dettaljati dwar il-parteċipazzjoni ta' Stati terzi għandhom ikunu s-suġġett ta' ftehim, skont l-Artikolu 24 tat-Trattat.
- (3) Il-Presidenza, assistita mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea/Rappreżentant Għoli għall-Politika Ewropea u ta' Sigurtà Komuni, innegozjat Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Dominikana dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika Dominikana fl-Operazzjoni ALTHEA (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim").
- (4) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

¹ ĠU L 252, 28.7.2004, p. 10.

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Dominikana dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika Dominikana fl-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Herzegovina (Operazzjoni ALTHEA) huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar il-persuna/i bis-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim sabiex jorbtu lill-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

FTEHIM
BEJN L-UNJONI EWROPEA U
R-REPUBBLIKA DOMINIKANA
DWAR IL-PARTEĊIPAZZJONI
TAR-REPUBBLIKA DOMINIKANA
FL-OPERAZZJONI MILITARI TAL-UNJONI EWROPEA
FIL-BOSNJA U HERZEGOVINA
(OPERAZZJONI ALTHEA)

L-UNJONI EWROPEA (UE),

minn naħa waħda, u

R-REPUBBLIKA DOMINIKANA,

min-naħa l-oħra,

minn hawn 'il quddiem imsejħin il-"Partijiet",

WARA LI KKUNSIDRAW:

- l-adozzjoni mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tal-Azzjoni Konġunta 2004/570/PESK tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Herzegovina (Operazzjoni ALTHEA),
- l-istedina lir-Repubblika Dominikana biex tipparteċipa fl-operazzjoni mmexxija mill-UE,
- ir-rakkomandazzjoni mill-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE u mill-Kumitat Militari tal-UE biex jaqblu dwar il-parteċipazzjoni tal-forzi tar-Repubblika Dominikana fl-operazzjoni mmexxija mill-UE,

- id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà BiH/1/2004 tal-21 ta' Settembru 2004 dwar l-aċċettazzjoni ta' kontributi ta' Stati terzi għall-operazzjoni militari tal-UE fil-Bosnja u Herzegovina,
- id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà BiH/3/2004 tad-29 ta' Settembru 2004 dwar l-istabbiliment tal-Kumitat ta' Kontributori għall-operazzjoni militari tal-UE fil-Bosnja u Herzegovina,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

ARTIKOLU 1

Parteċipazzjoni fl-operazzjoni

1. Ir-Repubblika Dominikana għandha tassoċja ruħha mal-Azzjoni Konġunta 2004/570/PESK tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Herzegovina u ma' kwalunkwe Azzjoni Konġunta jew Deċiżjoni li biha l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jiddeċiedi li jestendi l-operazzjoni militari tal-UE ta' maniġġar ta' kriżijiet, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim u ta' kwalunkwe arranġament implimentattiv meħtieġ.
2. Il-kontribut mir-Repubblika Dominikana għall-operazzjoni militari ta' maniġġar ta' kriżijiet tal-UE għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-awtonomija tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni Ewropea.
3. Ir-Repubblika Dominikana għandha tiżgura li l-forzi u l-persunal tagħha li jipparteċipaw fl-operazzjoni militari tal-UE ta' maniġġar ta' kriżijiet jidħlu għall-missjoni tagħhom f'konformità ma':
 - l-Azzjoni Konġunta 2004/570/PESK u l-emendi sussegwenti possibbli;
 - il-Pjan Operattiv,
 - kwalunkwe miżura implimentattiva.

4. Il-forzi u l-persunal issekondati għall-operazzjoni mir-Repubblika Dominikana għandhom iwettqu d-dmirijiet tagħhom u jgħibu ruħhom unikament fl-interess tal-operazzjoni militari tal-UE ta' maniġġar ta' kriżijiet.

5. Ir-Repubblika Dominikana għandha tinforma lill-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE fi żmien debitu bi kwalunkwe bidla fil-parteċipazzjoni tagħha fl-operazzjoni.

ARTIKOLU 2

Status tal-forzi

1. L-istatus tal-forzi u tal-persunal imqiegħda għad-dispożizzjoni tal-operazzjoni militari tal-UE ta' maniġġar ta' kriżijiet mir-Repubblika Dominikana għandu jiġi rregolat mid-dispożizzjonijiet dwar l-istatus tal-forzi, jekk disponibbli, maqbula bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati kkonċernati.

2. L-istatus tal-forzi u tal-persunal imqiegħda għad-dispożizzjoni tal-kwartieri ġenerali jew tal-elementi ta' kmand li jinsabu barra mill-Bosnja u Herzegovina għandu jiġi rregolat minn arranġamenti bejn il-kwartieri ġenerali u l-elementi ta' kmand kkonċernati u r-Repubblika Dominikana.

3. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar l-istatus tal-forzi msemmija fil-paragrafu 1, ir-Repubblika Dominikana għandha teżerċita ġurisdizzjoni fuq il-forzi u l-persunal tagħha li jipparteċipaw fl-operazzjoni militari tal-UE ta' maniġġar ta' kriżijiet.
4. Ir-Repubblika Dominikana għandha tkun responsabbli li twieġeb għal kwalunkwe pretensjoni marbuta mal-parteeipazzjoni fl-operazzjoni militari tal-UE ta' maniġġar ta' kriżijiet, minn jew dwar kwalunkwe mill-forzi u l-persunal tagħha. Ir-Repubblika Dominikana għandha tkun responsabbli li ggħib kwalunkwe azzjoni, b'mod partikolari legali jew dixxiplinarja, kontra kwalunkwe waħda mill-forzi u l-persunal tagħha, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti tagħha.
5. Ir-Repubblika Dominikana timpenja ruħha li tagħmel dikjarazzjoni rigward ir-rinunzja ta' pretensjonijiet kontra kwalunkwe Stat parteċipanti fl-operazzjoni militari tal-UE ta' maniġġar tal-kriżijiet, u li tagħmel dan meta tiffirma dan il-Ftehim.
6. L-Unjoni Ewropea timpenja ruħha li tiżgura li l-Istati Membri jagħmlu dikjarazzjoni rigward ir-rinunzja ta' pretensjonijiet, għall-parteeipazzjoni tar-Repubblika Dominikana fl-operazzjoni militari tal-UE ta' maniġġar ta' kriżijiet, u li tagħmel dan meta tiffirma dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 3

Informazzjoni klassifikata

1. Ir-Repubblika Dominikana għandha tiegħu l-miżuri adatti biex tiżgura li l-informazzjoni klassifikata tal-UE tkun protetta skont ir-regolamenti ta' sigurtà tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, kif imniżżla fl-Anness għad-Deċizzjoni tal-Kunsill 2001/264/KE tad-19 ta' Marzu 2001, u skont gwida oħra maħruġa minn awtoritajiet kompetenti, inkluż il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE.
2. Fejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Dominikana jkunu kkonkludew ftehim dwar proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata, id-dispożizzjonijiet ta' dak il-ftehim għandhom japplikaw fil-kuntest tal-operazzjoni militari tal-UE ta' maniġġar ta' kriżijiet.

ARTIKOLU 4

Linja tal-kmand

1. Il-forzi u l-persunal kollha li jipparteċipaw fl-operazzjoni militari tal-UE ta' maniġġar ta' kriżijiet għandhom jibqgħu taħt il-kmand sħiħ tal-awtoritajiet nazzjonali tagħhom.
2. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jittrasferixxu l-kmand Operattiv u Tattiku u/jew il-kontroll tal-forzi u l-persunal tagħhom lill-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE. Il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għandu jkun intitolat jiddelega l-awtorità tiegħu.
3. Ir-Repubblika Dominikana għandu jkollha l-istess drittijiet u obbligi f'termini ta' tmexxija ta' kuljum tal-operazzjoni bħall-Istati Membri tal-UE parteċipanti.
4. Il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE jista' fi kwalunkwe ħin, wara konsultazzjonijiet mar-Repubblika Dominikana, jitlob l-irtirar tal-kontribut tar-Repubblika Dominikana.

5. Rappreżentant Għoli Militari (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "SMR") għandu jinħatar mir-Repubblika Dominikana biex jirrappreżenta l-kontinġent nazzjonali tagħha fl-operazzjoni militari tal-UE ta' maniġġar ta' kriżijiet. L-SMR għandu jikkonsulta mal-Kmandant tal-Forza tal-UE dwar il-kwistjonijiet kollha li jolqtu l-operazzjoni u għandu jkun responsabbli għad-dixxiplina ta' kuljum tal-kontinġent.

ARTIKOLU 5

Aspetti finanzjarji

1. Ir-Repubblika Dominikana għandha tassumi l-ispejjeż kollha assoċjati mal-parteċipazzjoni tagħha fl-operazzjoni sakemm l-ispejjeż ma jkunux soġġetti għal finanzjament komuni kif previst fl-istrumenti legali msemmija fl-Artikolu 1(1) ta' dan il-Ftehim u fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/975/PESK tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi mekkaniżmu sabiex jiġi amministrat il-finanzjament tal-ispejjeż komuni tal-operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża (Athena).

2. Fil-każ ta' mewt, korriment, telf jew dannu lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi mill-Istat(i) li fih/fihom titwettaq l-operazzjoni, ir-Repubblika Dominikana għandha, meta r-responsabbiltà tagħha tkun ġiet stabbilita, tħallas kumpens skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet dwar l-istatus tal-forzi, jekk disponibbli, kif imsemmi fl-Artikolu 2(1) ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 6

Arranġamenti għall-implementazzjoni tal-Ftehim

Kwalunkwe arranġament tekniku u amministrattiv meħtieġ għall-implementazzjoni ta' dan il-Ftehim għandu jiġi konkluż bejn is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea/Rappreżentant Għoli għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u l-awtoritajiet adatti tar-Repubblika Dominikana.

ARTIKOLU 7

Non konformità

Jekk waħda mill-Partijiet tonqos milli tikkonforma mal-obbligi tagħha kif stabbiliti fl-Artikoli 1 sa 6, il-Parti l-oħra għandu jkollha d-dritt li ttemm dan il-Ftehim billi tippreżenta avviż ta' xahar.

ARTIKOLU 8

Risoluzzjoni ta' tilwim

Tilwim li jikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandu jiġi riżolt b'mezzi diplomatiċi bejn il-Partijiet.

ARTIKOLU 9

Dħul fis-seħħ

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tal-ewwel xahar wara li l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri interni meħtieġa għal dan il-għan.

2. Dan il-Ftehim għandu jiġi applikat b'mod proviżorju mid-data tal-iffirmar.
3. Dan il-Ftehim għandu jibqa' fis-seħħ matul il-perijodu tal-kontribut tar-Repubblika Dominikana lill-operazzjoni.

Magħmul fi Brussell, fi

bil-lingwa Ingliża f'erba' kopji.

GĦALL-UNJONI EWROPEA

GĦAR-REPUBBLIKA DOMINIKANA

DIKJARAZZJONIJIET
IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2(5) U (6)
TAL-FTEHIM

Dikjarazzjoni mill-Istati Membri tal-UE:

"L-Istati Membri tal-UE fl-applikazzjoni tal-Azzjoni Konġunta 2004/570/PESK tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Herzegovina (Operazzjoni ALTHEA) ser jagħmlu hilitom sabiex, safejn is-sistemi legali interni tagħhom jippermettu, jirrinunzjaw kemm jista' jkun għal pretensjonijiet kontra r-Repubblika Dominikana għal korriment, mewt tal-persunal tagħhom, jew dannu lil, jew telf ta', kwalunkwe assi li jkunu l-proprjetà tagħhom u użati mill-operazzjoni tal-UE ta' maniġġar ta' kriżijiet jekk tali korriment, mewt, dannu jew telf:

- kien ikkawżat minn persunal mir-Repubblika Dominikana fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu b'konnessjoni mal-operazzjoni tal-UE ta' maniġġar ta' kriżijiet, ħlief fil-każ ta' negliġenza serja jew imġiba skorretta intenzjonata, jew
- irriżultaw mill-użu ta' kwalunkwe assi li jkunu l-proprjetà tar-Repubblika Dominikana, bil-kondizzjoni li l-assi ntużaw b'konnessjoni mal-operazzjoni u ħlief fil-każ ta' negliġenza serja jew imġiba skorretta intenzjonata tal-persunal tal-operazzjoni tal-UE ta' maniġġar ta' kriżijiet, mir-Repubblika Dominikana fl-użu ta' dawk l-assi."

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Dominikana:

"Ir-Repubblika Dominikana, waqt li tassoċja lilha nifisha mal-Azzjoni Konġunta 2004/570/PESK tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Herzegovina (Operazzjoni ALTHEA), ser tagħmel hliitha sabiex, safejn is-sistema legali interna tagħha tippermetti, tirrinunzja kemm jista' jkun għal pretensjonijiet kontra kwalunkwe Stat ieħor li jipparteċipa fl-operazzjoni tal-UE ta' maniġġar ta' kriżijiet għal korriment, mewt tal-persunal tagħha, jew dannu lil jew telf ta' kwalunkwe assi li jkunu l-proprjetà tagħha u użati fl-operazzjoni tal-UE tal-immaniġġar ta' kriżijiet jekk tali korriment, mewt, dannu jew telf:

- kien ikkawżat minn persunal fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu b'konnessjoni mal-operazzjoni tal-UE ta' maniġġar ta' kriżijiet, ħliet fil-każ ta' negliġenza serja jew imġiba skorretta intenzjonata, jew
- irriżulta mill-użu ta' kwalunkwe assi li jkunu l-proprjetà tal-Istati li jipparteċipaw fl-operazzjoni tal-UE ta' maniġġar ta' kriżijiet, bil-kondizzjoni li l-assi ntużaw b'konnessjoni mal-operazzjoni u ħliet fil-każ ta' negliġenza serja jew imġiba skorretta intenzjonata tal-persunal tal-operazzjoni tal-UE ta' maniġġar ta' kriżijiet fl-użu ta' dawk l-assi."